# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgħa il Cbira u il gimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma targa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IT-22 TA LULJU, 1913. NRU. 74.

*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Il caxxa tat-tifdil.

Il caxxa tat-tifdil chien ŭebbel biha, Alla itih il ġenna, Patri Michiel Vella, gisŭita, li ismu issemma' bosta drabi fuk il *Habib*, għall ħrara cbira li chellu għall gieħ t'Alla u għall gid, tar-ruħ l'eŭŭel u mbagħad tal gisem, tal proxxmu tiegħu. Chienet ħaġa ġdida għall Malta, u mux la chemm in-nies ittic credtu, l'actar daŭc li għalihom chienet maħsuba il Caxxa, u fuħhecc il Cumitat tal *Għakda mkaddsa tal Appostolat tat-Talb*, meta Patri Vella kallhom biha l'eŭŭel darba, hemm fl'Oratorju tal Onorati, għad li ma mieruh xejn, iżda ureŭh li ma chellhomx fidi li takbad art. Imma Patri Vella, li ma chien jakta' kalbu minn xejn u li chien diġà ŭakkafha band'oħra il Caxxa tat-Tifdil, kabeż kallhom: «Mxiet Gorfù, ma timxix haŭn?» Chienet chelma f'ŭaktha. Il Cumitat baxxa rasu u kabad jaħdem. Saru ir-regulamenti u geŭ mxerdin magħ collimchien, stampaŭ ruħhom il *Lebretti di Credito*, ntagħżel il Banc, fejn chien jakbel l'iżjed li jitkegħdu il flus li jinġabru, u l'actar li icunu fis-sgur, saru Sottocumitati fil Parroċċi, bil Cappillani Presidenti tagħhom, u l'Iskof chiteb ittra lill Cumitat, fejn kal li il Caxxa tat-Tifdil chienet ŭisk maħsuba u ta gid: u għalhecc jirriccmandaha. U, imbierec Alla! il flus bdeŭ deħlin u, actar ma jgħaddi iż-żmien, joctru. Fis-sentejn u nofs, li ilha taħdem il Caxxa, chienu 782 ruħ li kegħdu il flus fiha, u's-somma telgħet £ 4,962 „ 19 „ 7, u ma iddumx ma takleb il ħames t'elef. Tasseŭ li għal sentejn u nofs m'hix xi somma tal għageb, imma coll bidu jebes. Issa li il Caxxa laħket kabdet seŭŭ, nittamaŭ li, dac li għamilna f'sentejn u nofs, nagħmluh fis-sitt xhur li fadal mis-sena, Jalla! It-tama tagħna hija collha fil Cappillani. Aħna ġà urejnihom darba oħra chemm jakblilhom imexxuha fil Parroċċi tagħhom il Caxxa tat-Tifdil; il ħaddiem, meta jimrad jeŭ jigi fil kgħad, isib l'imŭarrab. Nafuh aħna, il Cappillan, kalbu tajjba chemm hi tajjba, ma jistax jilħak magħ collħadd, u l'actar illum. X'uħud mill Cappillani u mill Caxxieri ħakkhom tasseŭ min ifaħħarhom għal chemm ħabircu għall Caxxa. Nsemmu fost l'oħrajn daŭc ta *San Duminicu* tal Belt, li għakkdu, l'actar mit-tfal tad-Dutrina, bis-sold is-sold, is-somma ta £740 „ 1 „ 3; tal *Mosta*, li ġabru £ 355 „ 18 „ 6; ta *Ħaż-Żabbar*, li laħħku £ 338 „ 19 „ 0; u ta ħ'Attard (ŭieħed mill iċċhen rħula) li ŭasslu £ 124 „ 17 „ 10.

He! min irid tabilħakk, chif naraŭ minn daŭn tal aħħar, collox jirbaħ, u ma jokgħodx igħid: «m'hux żmien; illum għacs haŭn.» Il csir ir-ras m'hux mill isbaħ; imma, jaħasra, jecc ma nŭakkfuhomx aħna il kassisin daŭn l'opri hecc meħtieġa illum, l'għadu, li kiegħed ŭara il bieb, iŭakkafhom hu, biex jiġbed lejh il poplu u jifirdu minn'na, u mbagħad Alla jaf x'icun. Nkisu li ma jisgħobx bina, mita ma icunx actar il ŭakt, għax il poplu, li ma ridniex naħsbulu għall bżonnijet tal gisem, dar magħ min kiegħed jgħaŭih għalina, għax, bil fehma li jifirdu mill ħdan tal Cnisja, ŭera taparsi jeħodlu ħsieb ta daŭc il bżonnijet. Il *Cumitat tal Appostolat tat-Talb* dan chien il biża li chellu u li ġagħlu iŭakkaf ix-Xirca bejn il ħaddiema għall għajnuna fil mard u fil kgħad, il Caxxa tat-Tifdil, l'Ischejjel ta bil-lejl, il Ġurnal u opri oħra bħal daŭn. Imma f'kasam hecc cbir, biex jati il frott tiegħu, tinħtieġ l'għajnuna ta bosta, u l'actar ta daŭc li hu dmir tagħhom li imiddu idejhom. Imma nargħu għall Caxxa tat-Tifdil. Bosta isaksu u iridu jafu x'*sigurtà* tati lil min ikiegħed il flus fiha. Il flus, chif għidna kabel, hecc chif il Caxxieri jatuhom lit-Tesorier, dan ikiegħdhom fil *Banco di Malta*. Mela, seŭŭa il Caxxieri u seŭŭa it-Tesorier m'humiex actar mill kaddejja, li jafdaŭlhom flus u deheb biex ikiegħduhom il Monti. U aħna, tgħid, ma' ħakkniex ncunu fdati għallankas daks daŭc in-nisa? Mela, sa haŭn l'ebda biża, għax il Caxxieri huma collha nies magħrufa u li għandhom x'jagħmel tajjeb. Mela, jecc katt jista' icun hemm xi biża mill *Banco di Malta*; jigifieri flusec huma fis-sod, jecc kiegħed fis-sod il *Banco di Malta*. Imma, jecc haŭn Banchijet ġo Malta sguri, il *Banco di Malta* hu minn tal eŭŭel. Nafu b'ŭieħed Sinjur, li *għandu mgħarfugħa hemm mitt elf lira!* Il flus, li chienu jinġabru għall Cungress, hemm ucoll chienu jarfgħuhom. Imma għalfejn dan collu, mux collħadd jaf x'isarraf il *Banco di Malta?* Mbagħad, katt xi ħadd talab flusu u ma tajnihomlux malajr? U flus ittieħdu l'ura £1519 „ 5 „ 6. Mela, għal dic li sigurtà ta flus ma għandniex għax naħsbu. Chiecu chien hemm il biża ta xi ħaġa, l'eŭŭel li chien jaħsel idejh min kiegħed jicteb, u ma chienx jarfa' pis bħal dan. Tajjba, chiecu!, ŭara li tcun ħabrict u ħdimt tant, tgħaddi mbagħad ta ħalliel, li srakt demm il fkir. Jonkosx?

Issa talba lill Caxxieri u biha nispiċċaŭ. S'issa tajna mgħax £56,,6,,11. Minn dan jidher li għad haŭn ħafna, minn daŭc li kiegħdu il flus fil Caxxa, li ma ħadu katt imgħax, għax ma ħasbu katt fihom, jeŭ ma jafux lejn min iduru. Għalhecc nitolbu lill Caxxieri biex jiġbru ftit ftit il *Libretti* u jibagħtuhomlna, u aħna nreġġgħuhomlhom l'ura flimchien mgħal imgħax. Il Mosta dejjem morna aħna, u xtakna nagħmlu hecc collfejn hemm Sotto-Cumitati; imma nibżgħu li mux collimchien jista' isir hecc, għax xi *Libretti* (il Mosta ma hemmx minnhom) li fihom ħafna tkegħid bis-soldi u'x-xelini, iridu ħafna xogħol. Minn xi dakkiet, siegħa m'hix biżżejjed biex tgħodd l'imgħax ta ŭieħed minnhom, u għalhecc dan hu xogħol li jista' biss isir id-dar. Għallum biż-żejjed. Għall

aħħar ta da 'x-xahar ngibu fuk il *Habib* u fuk Gazzetti oħra ir-*Rendicont* tal Caxxa, chif aħna sôltu ngibuh.

DUN PAŬL.

## X'ighidu ghalina fuk il Cungress.

V.

Mita il Cardinal niżel l'art, min jista katt ifisser il ghaxka u il hena li ħasset kalbu, xħin jara dic it-turija ta ferħ, dic l'imgiba ta ghożża lejħ, moħruġa tas-seŭ mil kalb sâfja tal Maltin?! Hemm dac il ħin cont tistħajjel li reġghu geŭ daŭc iż-żmenijêt ta ilu ilu, mita il Conti Ruggieru li chien niżel fuk dic il Gżira sabiex irażżan u ighacches il killa u il ħruxija tas-Saracini, il Maltin ġreŭ ferħanin jilkghuħ bil frieghi taż-żebbuġ u tal palm, u fost il ghana ta tifħir għażiż ll'Alla, bħala radd il ħajr talli chienu sejjrin jiġu meħlusin minn dac il madmad jebes.

U mhux biss il poplu mar jilka il Cardinal u ferah biħ ma tul it-triek collha, iżda ħdejn il Cnisja ta *Sarrija*, aħna u deħlin armajn il belt, ngabru ucoll l'Iskof u il Cleru ta Malta, fejn chienu geŭ apposta bil procissjoni, ħalli il dac li chien baghtilhom il Papa biex jokghod f'lôcu fil Cungress, iroddulu il kima ta kalbhom, u minn hemm imbghad jeħduħ u iŭassluħ sal Cnisja ta *San Ġŭann*.

F'dic l'eŭŭel lakgha, saret taħdita mill'Iskof Paċ, u imbghad tchellem il Cardinal fejn ŭiegeb ucoll bi tbissima ta ħleŭŭa ghattislima ta merħba li resak jatiħ l'Imħallef Pulicin, imbghad telku lejn *San Ġŭann*.

F'leħħa ta berka it-triek inħanket cullimchien b'gheġŭegija ta nies; f'dic il ŭesgha ta ħdejn *San Ġŭann* u fuk it-targien tal Cnisja ma chien hemmx fejn tokghod labra; cullħadd imlebleb imxabbat irid jarġa jara malajr, imkâr chiecu ghall'inkas ħin ŭieħed il Cardinal ghaddej mil ġdid.

Dic il cotra cbira ta kassisin b'li-spellizzi bojod, mexjin minn nofs it-triek, kalb daŭc il potenzi ta ħlejjak marsusin fuk xulxin maż-żeŭġ ti ġnieb tat-triek, chien fihom ghaxka tas-seŭ: ħaġa ġdida li f'Malta ma raŭha katt: chienu jatuc ħjel ta xmara bajda ghaddejjha miexja bejn żeŭġ xtut iseŭŭdu b'daŭc il ħlejjak.

Malli il Cardinal daħal il Cnisja, in-nies gibdet bilġri ghal urajħ, u bdeŭ deħlin bħal ghelgul ma jaktghu xejn, sa chemm dic il Cnisja ma felhetx tasa iżjed; u il bkija ħtiegilhom jibkghu barra.

Xħin minn fuk l'artal ntkal it-talb ll'Alla, bħalma hi id-draŭŭa ghażiża u chif trîd il Cnisja Mkaddsa fi ħŭejjeġ bħal daŭn, u l'Iskfijêt, li chienu haŭn ghall Cungress, bdeŭ ħerġin ŭieħed ŭieħed minn ġo 'l Cnisja, hemm trid tara il briju li sarilhom dac il ħin minn dic il migimgha ta nies; u il ghajjât ta ferħ instama jidŭi imbghad iżjed bil kaŭŭi huŭa u ħiereġ il Cardinal sa ma ŭasal il Palazz tal Iskof.

F'din it-turija hecc cbira ta ferħ u kima, l'isbaħ, l'gheżeż u l'akŭa ħaġa li tghaxxaklec u thennilec kalbec, chienet, iva u mhux le, il fidi mkaddsa illi tiddi u issaltan sħiħa fi klub il Maltin.

Dac il ħin, leħen Malta collha, kaŭŭi u sħiħ, chien tiela tiela lejn is-Sema bħala fŭiħa ta bħur gheżież! Mhux ghalxejn lè, dac ir-Rappresentant tal Papa ftit ġranet ŭara il Cungress, lill'Iskof mar chitiblu u u ifħemu hecc: «Eccellenza, jecc jogħġboc gharraf u irridec tghid lill Cleru ghażiż u lin-nies maħbubin ta Malta ħanina, illi il lakgha cbira cbira ta ferħ li huma ghoġobhom jaghmlu minn jeddhom lir-Rappresentant tal Papa, hija xhieda bid-dieher, bħalma jen rajt b'ghajnejja u messejt b'idejja, tal fidi taħħom; u jen inpattihielhom billi nibghatilhom il barca Papali, bħala rahân u capparra ta gid u b'ghana collu tas-Sema.»

Chien jiġi x'ighidlec u iġaghalec temmen illi dic l'eŭŭel turija ta ferħ u ta fidi mhux sej' icun hemm oħra bħalha jeŭ akŭa minnha, li tghaddiha u tiżbokha hecc addoċċ, chif gieb u laħak, ma tûl il ġranet ta dac il Cungress imkaddes; u tas-seŭ, ghax ma sebkithiex ħlief il processjoni il cbira nett tal aħħar jum. Madancollu il ftuħ tal Cungress fil Cnisja tal Mosta, u bosta Lakghât oħra u funzionijêt gheżież li saru f'ħafna cnejjes, chienu lcoll, mil bidu sat-tmiem, il ghaxka u il hêna tal klub ghal dac il poplu ferħan u mghaxxak, li chien icun hemm miġbur il ħin collu, ktajja ktajja, ma tûl it-torok ta Malta, b'ħerka ta kdusija li tghaġġbec; u bl'imgiba ta kima li gharfu igibu rŭieħhom, il Maltin ghamlu tajjeb ghal collox u f'cullma sâr.

*(Jissocta)*

*(Maklub bil Malti minn*
DUN GIUŻEPP FARRUGIA,
*(Cappillan ta li Sptar Connaught)*.

## In-nissiega.

Ankas biss żernak: kalb id-dlam imcheb'ba
Il ħlejjak collka donnhom ghadhom riekda:
Int biss, ja xbejba, csirt in-nghas u cmieni
Hriġt minn ġo friexec.

Musbieħ inemnem minn ġo it-tieka imbexxka
Jaghmel sing abjad fuk il ħajt kuddiemec
U it-triek iŭennes: int bla xejn ma taħseb
Fil bard, fix-xita,

Fuk in-neŭl titla kalbienija: tkieghed
Minghajr ma tħares iż-żercuna u fukha
Chemm xejn tintelak; is-salib imkaddes
Trodd u tithejja.

Tibda it-tŭerżika minn tar-rfies li imorru
L'isfel u 'l fuk chif jitla u jinżel riġlec:
Minn id ghall oħra, bla ma tonkos darba,
Il meccuc titfa,

Li ighaddi jiġri minn ġo il medd u iħalli
Ŭarajħ il ħajta minn daksxejn ta mserca,
Fil ŭakt l'int takbad jeŭ b'din l'id jeŭ bl'oħra
Id-deff u tħabbat.

Ja xbejba, chemm hi sbejjħa is-sengha tieghec,
Fis-schiet, fil ġabra minn ta dar missierec;
Imħarsa mn'ommoc li ma tŭarrab minnec
Katt ħbub ghajnejha!

Isma xi nghidlec: xejn la tghir ghall'oħra
Li f'dakk u żfin sa nofs il-lejl iddaŭŭret,
U issa ġo friexha, f'naghsa tkila, kieghda
Toħlom xi fruha.

Il kaŭŭa ta dirghajc aħjar mil bjuda;
Is-saħħa ta riġlejc aħjar minn ġmielhom:
Kalb sâfja il hena minn tal ħajja: ħrafa
Gid u foħrija.

Aħdem; il biċċa kieghda ticber ġmielha:
Ghaddi il ħaffiefa, dur b'li mkass il ghokod;
Icser u tenni, da 'l ŭakt takta: collox
Tghaleb il ħila.

Hares, ġa bida iroxx id-daŭl: ma dŭarec
Bida it-tgheġŭiġ u il ghana tal ghasafar.
Itfi il musbieħ: fix-xemx id-dinja collha
Tkum taħdem mieghec.

Il ghażżien biss li imur mifluġ fis-sodda
mifluġ ikum u 'l-haŭn u 'l-hinn jitlajja;
Il ghażżien biss jisrak mn'idejn ħaddieħor
Il ħobż li jiecol.

Aħdem, ja xbejba, u f'nofs in-nhar istaħja:
Iżjed hu bnin il ħobż jecc klajtu b'ħiltec.
Omm Alla, iftacar, f'din id-dinja chienet
Ħaddiema bħalec.

DUN CARM PSAILA.

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.—65. Min ma iridx jara issa b'gid ta ruħu il frugha taddinja, icollu jaraha bla gid ŭakt meŭtu.

## Ma dûar il Gżira.

Disa' ti jem tkarbin ma jakta xejn minn filghodu cmieni sa'l kuddiesa tad-disgha u żjajjar lill Madonna sejjrin dejjem minn xħin jiftaħ sa ma jaghlak is-Santŭarju, chienu it-thejjija xierka tal festa t'Ommna Marija tal Carmnu: festa tas-seŭ religjusa, chif tridha il Cnisja Mkaddsa u chif nixtieku naraŭha mtennija dejjem fil Cnejjes collha ta Malta—l'actar, imbaghd, haŭn il Belt, fejn aħna mħalltin ŭisk mal Protestanti, li, minn dakkiet, f'lôc esempju tajjeb, jieħdu scandlu mil festi taghna u min jaf chemm ighidu bîna.—Il festa tal Madonna tal Carmnu, li, ghalavolja fl'akkal tal ghomma, tiġbed nies bl'eluf minn cull naħa tal Gżira, issir b'kima u b'ġabra cbira; u iż-żîna, geŭŭa u barra, ghad li mill'isbaħ u mill'aħjar, ma toħroġx mit-triek tad-devozzjoni. Dan, imbaghd, igib ucoll li il ferħ ta daŭc li jitħabtu ghaliha ma jinfexx katt fi bluhat li ma jixirkux lill festi religjusi. Oh, li chien cull imchien hecc! Nifirħu lis-Superjuri, lir-Reverendu Procuratur tal festa u lill Patrijet collha tal Ordni tal Carmnu.—Fost collox, ma nsemmux ħlief il panigircu bit-Taljan li ghamel ir-Reverendu Patri Ŭiġ Micallef, ta li stess Ordni: panigircu li, nghiduha la maltija, fiħ il medd u fiħ it-toghma, jigifieri gherf, lingŭa u nisġa, li jaghmlu onur cbir lil Predicatur hecc żagħżuħ u hecc misjur f'li studju u fil milja tal ħsiebijet. Sacerdot frustier, li min jaf chemm mijet ta drabi ippriedca bit-Taljan barra minn Malta u li bħalna ma chien sama katt b'isem ir-Reverendu Micallef, dâr fukna, chif spiċċa l'eżordju, u kalilna: Din ġaŭhra misjuba! Tisma chemm jasal cmieni f'dac li irid juri!—Il Patri Ŭiġi Micallef jigi ulied l'aħŭa mal Professur Patri Majjistru Cuschieri: u moħħu ucoll ghandu minn tieghu.

—Id-*Dies Iræ* tas-Sur G. Micallef—dac li ħa il premju tal Matricola—ghal ŭara iż-żeŭġ poeżiji tal Professur Dun Carm Psaila.

—Dac il ħabib li baghat jistaksina jecc irridux li jibda jictbilna xi ħaġa fuk chif kieghda issir *il għażla tal lingŭa f'li Schejjel*, inŭieġbuħ chelma ŭaħda: Iva. Bil kalb collha! Dac li hu ghall gid ta Malta, il *Ħabib*—rajħ f'idejħ f'cullma jigi minnu—jilkghu b'dirghajħ miftuħa u iħaddnu mieghu.

—Niżżu-ħajr lis-Sur Calistu Maistre (*C. Maistre and Son*), li ghoġbu jibghatilna il ctieb tal Cnisja li ħareġ daŭn il ġranet bl'isem ta *Collox Mieghec* (meħud, chif naħsbu aħna, mil latin *Vade Mecum*). Ctieb maħdum tajjeb u sabiħ fid-daks biex ŭieħed jieħdu fil bût. Fiħ 225 faċċata, mghoddi mil Korti tal Iskof u imfaŭŭar bi ħŭejjeġ ta gid ghar-ruħ nisranija. Nirriccmandaŭħ lill karrejja taghna.

—Is-Sur Walter Cesareo, li ghandu *Gjuljana* mill'aħjar, jokghod il Ħamrun, *Strada Annunziata*, numri 108-110, fejn jilka cull xoghol ghal Legati, Benefizzi u ħŭejjeġ hecc.

—Jiddispjacina ħafna li ghall lum ma ghandniex ŭisa biex ingibu l'articlu fuk il *Qŭaranturi* li giena minn Ghaŭdex. Dac li baghtulna jaf tajjeb li ghandna ghaliħ kima cbira: u la sejjrin inħalluħ barra, jigifieri li ma nistghux naghmlu ieħor. L'articlu inzerta ftit tŭil; u, chif jidher mill'aħħar ghadd tal *Ħabib*, daŭn il gibna illum qŭasi collha ħabbarnihom il gimgha l'oħra. Biex nilħku mal ħbieb collha, chellna saħansitra inciedu il post tal articlu ta kuddiem li is-sôltu nictbu aħna. Id-dâr żghira u il kalb cbira.

—Il ħabib Agostinu Levanzin, mal articlu fuk *Helen Keller*, baghtilna ittra bit-Taljan ghalina, fejn tâna l'aħbarijet tieghu, li sgur

cull-ħadd jieħu gost bihom. Kalilna li hu sejjer tajjeb ŭisk, fis-saħħa, f'li stima, fix-xoghol u fil klieħ. *F'ġurnata*—chitbilna—*nakla actar milli cont nakla f'xahar mil Korti; u issa li kieghed noghmilha mal aħjar u l'akŭa nies, cull-ħadd igibni fuk ŭiċċ idejħ.* F'chelma ŭaħda, kabad l'art seŭŭa; u, f'dicembru li gej, ghandu minn Boston (fejn hu kieghed) imur Washington, mibghut biex jidher f'Cungress ta Ghorrief ghax-Xirca *Anti-Vivisection.* Hemm ghandu jaghmel *Cunferenzi* bit-Taljan, bl'Ingliż, bil Franciż u bl'Esperantu. Imma naħsbu li, jecc mhux ghal-collox, aħna tlifnieħ ghal bosta snin, ghax, f'li stess ŭakt li baghat jissieħeb ghal żmien tŭil fil *Habib*, kalilna li ma idumx ma jieħu hemm il Familja tieghu collha u li *ma tonksux ħlief din il ghakda ghall felicità tieghu f'dac il Pajjiż cbir.* La darba dan li kieghdin nictbu ghandu jasal f'idejħ, niżżuħ-ħajr ta chemm faħħar il *Habib* (minnu mxebbaħ bi cliem ħelu man-*Naħla* tieghu); u ŭisk actar ta chemm gieħ kieghed jaghmel lill Malta fl'akŭa bliet tal America.—Conna nsejna l'aħjar. Is-Sur Levanzin talabna nħabbru li hu jakbeż bil kalb collha ghal cull Malti li jecc jinsab f'xi fixla daŭc l'inħaŭi icun irid il ghajnuna tieghu.

—Niżżu-ħajr lis-Sur Magistrat Giuseppi Cremona, LL.D., li ghoġbu jibghatilna id-DISCORS bit-Taljan li ghamel fl'aħħar Lakgha tal Cungress fil Cnisja tal Mosta, fuk *I Beneficii Sociali dell'Eucaristia*: DISCORS imfaŭŭar bil gherf, li ghoġob tant lil cull min semghu u giè mfaħħar sa fil gażetti ta barra minn Malta. Chien hemm bżonn li bosta minn daŭc il *Ghorrief tal alta Società*, li f'collox jifhmu barra mir-Religjon taħhom u ghal hecc fuk il ħŭejjeġ tal Cnisja jaktghu mil ħajt u jatu, jitghallmu jitħadtu fuk il Fidi Cattolica chif jaf jitħaddet u jicteb il Magistrat Cremona, ŭmli u dħuli ma cull-ħadd, ghax tes-seŭ gharef

—Nistghu nisguraŭ li m'hix minnha dic ix-xniegha li gerreŭ daŭn il granet fuk Patri Carmlitan Malti: m'hemmx ħlief tnejn *Carmlitani Maltin* barra minn Malta: Patri Carm Tabone, Pirjol tal Culleġġ *Sant'Albertu*, f'Ruma; u Patri Elija Fenech, maghżul mil General tal Ordni ghall *Missjoni Carmlitana tal Aŭstralja*, fejn hemm tixrida Maltin ġmielha; u sa'llum ghoddu ŭasal. Bħalma taraŭ, it-tnejn stmati ħafna mis-Superjuri.

—L'articoli tas-Sur P.L. Dŭardu Asciak-Mifsud, fuk *Santa Chiara ta Montefalco*, u tas-Sur G. Vassallo, *Tŭegiba ghal l'ittra miftuħa tas-Sur Sitio*, ghall gimgha id-dieħla; chif ucoll l'articoli tas-Sur *A. A.* u *Fi Scôla ta bil lejl.*

## Il Comm: Antoniu Lanzon.

Fost daŭc li il Papa Piju X ghoġbu iżejjen b'decorazioni bħala ŭiri ta tiżżija ta ħajr ghall ħidma taghħom fil Cungress li sar Malta f'April li ghadda, insibu lis-Sur Tonin Lanzun, bniedem maghrufseŭŭa f'paijisna ghat-tiubija ta kalbu, ghall ħila cbira tieghu, u ghall ħeġġa li dejjem ŭera ghat-tŭemmin nisrani u ghall ġid u'l gieħ ta art tŭelidu; hua jista jissejjaħ b'chelma ŭaħda il bniedem ta carattru.

Is-Sur Lanzun chien u ghadu imdaħħal f'xirchiet religiusi u civili u cull fejn chien u cull fejn hu, mixa dejjem bil ħakk ta bniedem tal cmand, bir-rekka ta bniedem tar-ruħ, u bil ħleŭŭa ta gentlom li hu.

Il-lum hu *Rettur* tal Cumpanija tal *Erŭieħ* tal Belt, chif ilu minn żmien, u minn chemm ilu bir-riedni f'idejħ gharaf imexxi il Cumpanija b'ghakal cbir dejjem fit-triek ta kuddiem. Min jasal sal Cnisja tal *Eruieħ*, min jidħol il geŭŭa actar, min jara x'ôpri saru, min jara ftit il precisioni fit-tmexxija tal gid tal Cnisja u tal legati taghha, min jara is-serietà, id-devozzionijet ġodda imdaħħla, fost-hom ix-xahar ta San Giusepp, il festa ta Sant'Antnin. u l'*Ora Santa* ta Nhar ta Ħamis, icun jista jati l'isbaħ certificat lis-Sur Tonin Lanzun ghal dac li sar fil Cnisja tal *Erŭieħ* fi żmienu.

Ŭara dan collu il Cumpanija, mhix contenta li keghdet ir-ritratt tieghu fis-Sagrestija, ħasbet ucoll li turieħ il kima taghħa b'mod ieħor, billi tatiħ b'rigal u solennement il medalja li tfisser id-decorazioni li gietu minn ghand il Papa. Il Fratelli fil lakgha li saret ma kablux fuk in-nefka tal medalja, xi uħud riedu li in-nefka issir bi flus tal Cumpanija, oħrajn li issir bil flus taghħom; imma collha chienu ta fehma ŭaħda li is-Sur Lanzun b'sinjal ta kima u ta tiżżija ta ħajr ghandu icollu din it-tifchira tal Cumpanija. Rebħu tal eŭŭel, u ma tal eŭŭel rebħu ilcoll, ghaliex ilcoll chienu imkankla mil li stess ħsieb li juru lis-Sur Lanzun is-sentimenti tal kalb taghħom.

Il medalja giet moghtija lilu solennement fl'10 ta dan ix-xahar, fil ghaxija, fis-sala il ġdida tal Cnisja. Chienu presenti, barra minn bosta Ufficiali u Fratelli tal Cumpanija, Monsinjur Vicariu Generali Dun Alŭiġ Attard DD., Monsinjur Canôncu Dun Paŭl Gaŭci, Monsinjur Canôncu Dun Ŭiġ Camilleri, ir-Revdu. Papas Franciscu Parrino D.D., ir-Revdu: Patri Spiritŭali Dun Carm Gatt D.D., u Sacerdoti oħra. Inkralu indirizz sabiħ (maħdum b'ħila tal ghageb u b'gost cbir fuk pergamena mis-Sur Laŭrenz Muscat, li bosta drabi issemma fil *Habib* u f'gażetti oħra ghal daŭn ix-xoghlijet irkak imsejjħin tal *illuminazioni* jeŭ aħjar tal *minjatura*) u saru *Discorsi* minn Monsinjur Vicariu, minn Monsinjur Gaŭci u mir-Reverendu Papas Parrino, li ghalihom is-Sur Lanzun gharaf iŭiegeb chif jaf hu u chif trodd kalbu. Il festa ghalchemm ta malajr irnexxiet chif chellha tirnexxi u chif chien xierak li ghandha tirnexxi; u sgur li is-Sur Lanzun jibka jiftacar ghal żmien tŭil fl'imħabba u fil kima li ureŭħ il Fratelli tal *Erŭieħ*, u icun jaf li dic l'imħabba u dic il kima m'humiex ħag'oħra ħlief ħlas lil min jimxi dritt fil ħajja chif irid Alla, u f'li stess ħin jimxi ta gentlom chif titlob is-Società.

U ma dan lis-Sur Lanzun nixtiekulu ħlas ieħor, dac li Alla jati ghal-dejjem lil daŭc li fil ħajja jimxu chif trid il kalb ħanina tieghu.

E. A. M.

## GHALL CNISJA TAL IMĠARR.

«Ghandu mnejn ma icunx cliem mitluf! Nies ta kalb cbira u li jafu jonfku il flus taħħom chien haŭn dejjem u ghad haŭn.» Hecc ħsibt bejni u bejn ruħi meta ghadda minn rasi li ingib fil *Habib* daŭn l'erba' chelmiet fuk il Cnisja tal Imġarr li kieghda tinbena.

Chemm hia ħelŭa il pianta taħħa! U chemm tinħtieġ ghal dac ir-raħal Cnisja chif tixrak u suret in-nies! Ma ghandhomx ħlief Cnisja ċchejcna daks ħolka, li ma tasaħħom b'xejn, u kadima ħafna.

Imma, jaħasra, in-nies ta dac in-nitfa ta raħal huma collha nies tar-raba u xi ftit sajjieda. Mill'aħjar li setghu, ghamlu; u il Cnisja ġdida inbdiet. Iżda il ftit tal flus li chienu inġabru spiċċaŭ u ix-xoghol chellu jiekaf. Il ħaddiema, nies tal post, xtieku chiecu jissoctaŭ jaħdmu, anchi b'xejn: imma x'taħdem, jecc gebel ma chellhomx!

Issa, bil ftit tal flus illi nġabru ma tûl ix-xitŭa, raġa inbeda ix-xoghol: iżda ŭieħed jista jibsor xi flus setghu jinġabru minn ghand ftit bdieŭa, specjalment daż-żmien, meta ir-raba ftit kieghed irodd, u bosta drabi il ftit li irodd ma igibx ħakku. Ghaldakstant erba' ti jiem oħra, u ix-xoghol icollu jarġa jiekaf.

Chiecu xi kalb generusa u tajjba, li ghandha mnejn, tiekaf ftit maħħom, chemm taghmel ħaġa kaddisa u sabiħa! Chemm glorja ll'Alla, u chemm gid lil dac ir-raħal!

Daŭc in-nies fihom ghaxka mita fil ghaxija jinġabru kishom familja ŭaħda, fid-daksxejn ta Cnisja li ghandhom, biex ighidu ir-Rużarju u fil ghodu biex jisimghu il kuddiesa tal Cappillan. Nies ta fidi tant kaŭŭija! Nies ta ghamil tant seŭŭa! X'hena, x'ferħ ma icunx ghalihom mita icollhom ix-xorti iżanżnu il Cnisja il ġdida! Min jafhom jixtiekulhom b'kalbu collha, ghaliex ħakkhom ghat-tieba taħħom.

Alla jista collox. Forsi dan il cliem tieghi ma icunx cliem mitluf.

MÎN RA B'GHAJNEJH.

## Jum ma' Helen Keller.(*)

Nisthajjilha ħolma! Tliet snin ilu meta Keller baghtitli Malta ir-ritratt b'isimha u il ctieb li chitbet fuk ħajjitha «*The Story of my Life,*» ma' ittra ta'l famusa ghalliema taghħa Mrs. Macy, ghidt ŭaħdi: «Chiecu ŭieħed chien jista xi darba jiltaka ma' daŭna iż-żeŭġ nisa tal ghageb, iżda f'dac il ŭakt sthajjiltha biss bħala ħaġa li katt ma setghet tiġri. Wrentham (fl-America) ħames t'elef mil minn Malta!!

Meta fi Frar li ghadda smajthom fi Tremont Temple ta' Boston it-tnejn jitchellmu, u l-aghda kattajt siegha taħdita maghħom f'il Parker Hotel, ghidt bejni u bejn ruħi: «Dana minnu jeŭ ghadni nheŭden b'il ħolma ta' tliet snin ilu f'moħħi?»

Nhar il Ħadd li ghadda Keller ghalket sninha. Bħala Surmast taghħa ta'l Esperanto u billi kieghed nieħu ħsieb, minn xi xahar l'haŭn, ta' saħħitha u ta' saħħet Mrs Macy, cont ŭieħed m'il mistiednin. Ġurnata m'il isbaħ, campanja li issaħħrec, siġar, ghadajjar, muntanji, villi u x'naf jien li jghaxxkec ghal tliet sieghat sħaħ fuk tram elettricu, sajjetta: malli ŭasalt Wrentham, f'iddar sabiħa ta' Mrs Macy, ghidt f'kalbi:«Issa sgur ma ghadnix noħlom, ghaliex kieghed f'dar Keller b'idha f'idejja!» Il pranzu sar f'il bosc kalb is-siġar u lili kieghduni f'il lemin ta' Helen. Chelli ħdejja lil Mr. White, il famus *Voice Culturist* ta'l Conservatorju ta' Boston, dac li ghallem lil Helen titchellem. Mieghi ħadt lil famus Milo Deys, ŭieħed m'il gheżeż ħbieb li ghandi u li ghallimtu l'Esperanto, u li hu maghdud haŭn bħala pianista akŭa minn Paderewski. Meta, ŭara l'icla, dakk Chopin, Bethooven, Schubert u il Cbar l'oħra, cullħadd baka b'ħalku miftuħ bil ghageb! John Macy, żeŭġ Mrs Macy u ŭieħed m'il acbar letterati ta'l America, daŭŭarna il Librerija famusa li ghandu. Helen daŭŭritna l'istudju taħħa, u ŭrietna chif ticteb b'it-*typewriter* u takra il punti. Collox ġdid, collox ta'l ghageb, collox interessanti, vera ħolma li ġrat bla ma katt cont nobsorha f'elf sena! U ghalhecc inġbart f'camarti nitħasseb u nghożż f'idejja il ŭarda ħamra li tatni Helen, u il ŭarda bajda li tatni Mrs Macy kabel telkuni fl-istazzjon ta'l vapur tal art: iż-żeŭġ ilŭien ta' kalbi: l'aħmar u l'abjad.

A. LEVANZIN.

(*) HELEN KELLER—ghednieħ darb'oħra—hi mara tal ghageb. Tŭieldet *ghâmja* u *muta*: u illum mhux biss li titchellem, imma ticteb—ticteb cotba sħaħ li bit-taghlim u il gherf taħħom iħallu b'ħalkhom miftuħ bosta Chittieba mill'imsemmija. Is-Sur Levanzin, mita chien ghadu Malta, chien semmiha bosta drabi maghna u minn dejjem chellu xeŭka cbira li jara b'ghajnejħ dac il ghageb ta mara.

ID-DIREZZJONI.

